32006R1743

L 329/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 25.11.2006

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1743/2006

## ta' l-24 ta' Novembru 2006

## dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-għalf tal-bhejjem

## (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar l-addittivi fl-għalf[1], u partikolarment l-Artikoli 3 u 9d(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali.

(2) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi miżuri ta' tranżizzjoni għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi ta' l-għalf imressqa skond id-Direttiva 70/524/KEE qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-addittiv imniżżel fl-Annessi għal dan ir-Regolament tressqet qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Il-kummenti tal-bidu dwar din l-applikazzjoni, kif previst fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE, tressqet lill-Kummissjoni qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Din l-applikazzjoni għalhekk se tibqa' titqies skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.

---

1 ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1800/2004 (ĠU L 317, 16.10.2004, p. 37).

2 ĠU L 268, tat-18.10.2003, p. 29. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Reglament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

(5) Ġiet sottomessa dejta bħala appoġġ għal din l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien tal-preparazzjoni ta' l-enżima *6-phytase EC 3.1.3.26* prodotta minn *Schizosaccharomyces pombe* (ATCC 5233) għat-tiġieġ għat-tismin. Fl-20 ta' April 2006 l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà Alimentari ressqet l-opinjoni tagħha dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' din il-preparazzjoni.

(6) Il-valutazzjoni turi li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni ta' enżimi, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(7) L-evalwazzjoni ta' din l-applikazzjoni turi li ċerti proċeduri għandhom jiġu rekwiżiti sabiex il-ħaddiema jkunu protetti mill-esponiment għall-addittivi elenkati fl-Anness. Protezzjoni bħal din għandha tkun assigurata permezz ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jitħeġġu t-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol[3].

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni li tifforma parti mill-grupp "Enżimi", kif speċifikat fl-Anness, hija awtorizzata mingħajr limitu ta' żmien bħala addittivi fl-għalf ta' l-annimali skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*
*Markos KYPRIANOU*
*Membru tal-Kummissjoni*

---

3 ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

# ANNESS

| **Nru KE** | **Addittiv** | **Formula kimika, deskrizzjoni** | **Speċi jew kategorija ta' annimal** | **Etàmassima** | **Kontenut minimu** | **Kontenut massimu** | **Dispożizzjonijiet oħrajn** | **Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | **Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ** | | | |
| **Enżimi** | | | | | | | | |
| E 1640 | 6-PhytaseEC 3.1.3.26 | Preparazzjoni ta' 6-phytase prodotta minn Schizosaccharomyces pombe (ATCC 5233) li fiha attività minima ta':<br><br>Forma likwida:<br>6-Phytase 5 000 FTU4/ ml | Tiġieġ għat-tismin | | 250 FTU | | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u t-taħlita, indika t-temperatura għall-ħżin, kemm jista' jdum il-ħżin, u l-istabbiltà għall-pelleting.<br><br>2. Doża rrakkomandata għal kull kg ta' għalf sħiħ: 250 - 750 FTU<br><br>3. Għall-użu f' għalf kompost li fih aktar minn 0.23% *phytin bound phosporus*. | Mingħajr limitu ta' żmien |

[4] 1 FTU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' fosfat inorganiku fil-minuta minn fosfat tas-sodju f' pH ta' 5.5 u 37°C.